MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 194/2000/2

**Busuttil & Busuttil Holdings Ltd.**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti:**

Din hi sentenza wara rikors ghal ritrattazzjoni presentat mis-socjeta` Busuttil & Busuttil Holdings Ltd. fit-2 ta’ Mejju, 2003. It-talba fir-rikors tghid hekk:

**Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell li l-istanti appell jigi ritrattat**

**u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.**

Biex wiehed jifhem ahjar ghala dan ir-rikors ser jigi dikjarat irritu u null, ser jigi spjegat l-*iter* tal-kawza qabel ma gie pprezentat l-imsemmi rikors ghar-ritrattazzjoni.

B'decizjoni moghtija fit-18 ta' Mejju, 2000 il-Bord ta' Kummissarji Specjali cahad appell li s-socjeta` Busuttil & Busuttil Holdings Ltd. kienet ghamlet quddiem l-istess Bord minn decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar kalkolu ta' taxxa. L-imsemmija socjeta` appellat quddiem din il-Qorti b'rikors datat 6 ta' Gunju, 2000. Dana l-appell gie mqieghed ghas-smigh ghall-ewwel darba ghall-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2000. Wara diversi differimenti ghal diversi ragunijiet, fl-udjenza tat-12 ta' Gunju, 2002 meta ssejhet il-kawza deher biss l-avukat ta' l-appellat, u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-12 ta' Dicembru, 2002. B'rikors ipprezentat fid-29 ta' Novembru, 2002 is-socjeta` appellanti talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza peress li xtaqet li l-avukat taghha jkollu l-fakolta` li jitratta verbalment quddiem din il-Qorti. Peress li, fi kwalunkwe kaz, f'Awissu, 2002 kienet inbidlet il-komposizzjoni ta' din il-Qorti, it-talba tas-socjeta` appellanti giet milqugha. Fit-12 ta' Dicembru, 2002 il-Qorti halliet l-appell ghall-10 ta' Marzu, 2003. Fl-10 ta' Marzu, 2003 rega' deher biss l-avukat ta' l-appellat u din il-Qorti ddikjarat l-appell dezert fit-termini ta' l-Artikolu 209(2) tal-Kap. 12. Fis-7 ta' April, 2003 is-socjeta` appellanti pprezentat rikors ghar-riappuntament ta' l-appell li kien gie dikjarat dezert. Din it-talba giet michuda b'digriet tal-10 ta' April, 2003. Fl-10 ta' April 2003 gie pprezentat rikors iehor sabiex din il-Qorti "terga tirrikonsidra d-digriet taghha precedenti", cioe` d-digriet ta' dik l-istess gurnata, u tirripappunta l-appell ghas-smigh; it-talbiet f'dan ir-rikors ukoll gew michuda b'digriet li jghid:-

**Rat ir-rikors (cioe` dak tal-10 ta' April, 2003);**

**Rat id-digriet taghha tal-10 ta' April, 2003 fuq rikors precedenti u simili tar-rikorrenti;**

**Peress li ma tara ebda raguni ghala ghandha b'xi mod tiddipartixxi mill-imsemmija decizjoni tal-10 ta' April,**

**2003, anke in vista ta' dak li jipprovdi tassattivament l-Artikolu 209(2) tal-Kap. 12 dwar termini;**
**Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

Ghalhekk is-sitwazzjoni ezistenti hi li hemm sentenza (decizjoni) tal-Bord tal-Kummissarji Specjali li ghaddiet in gudikat wara li s-socjeta` appellanti halliet it-terminu tad-dezerzjoni jiddekorri. Issa, biex ikun hemm il-possibilita` ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell irid ikun hemm "kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell" (Art. 811, Kap. 12). F'dan il-kaz din il-Qorti ma tat ebda sentenza meta ddikjarat l-appell dezert, u ghalhekk ma hemm ebda sentenza ta' din il-Qorti x'tigi mhassra biex, wara tali thassir, il-kawza tigi ritrattata. In fatti jidher li s-socjeta` Busuttil & Busuttil Holdings Limited rrealizzat dan, tant li t-talba fir-rikors ghar-ritrattazzjoni (riportata aktar 'l fuq f'din is-sentenza) mhix preceduta b'talba ghat-thassir tas-sentenza. Kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, jekk f'rikors ghal ritrattazzjoni ma jkunx hemm l-ewwel it-talba ghat-thassir tas-sentenza (li jigi segwit bit-talba ghar-ritrattazzjoni), ir-rikors jigi meqjus bhala irritu u null.

Ghall-motivi premessi, tiddkjara r-rikors tat-2 ta' Mejju, 2003 irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` Busuttil & Busuttil Holdings Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------